With costs and commercial interests.

The case (Notice Number 13/04DM) is put off for the 24th June 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th June 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1254

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Lulju 2004 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. C22334 ta' Spencer Hill, Blata l-Bajda ppreżentaw talba fit-13 ta' Jannar 2004, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Renato Caruana (ID 697158M) ta' Blk/CV, Flat/2, Triq it-Tarzna, l-Isla, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn seba' mija u sittax-il lira Maltija u tlettax-il ċenteżmu (Lm2,761.13) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 16/04DM) hija differita għall-24 ta' Ġunju 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 9 ta' Ġunju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 9th July 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. C22334 of Spencer Hill, Blata l-Bajda, filed a Claim on the 13th January 2004, whereby they asked the Court to condemn Renato Caruana (ID 697158M) of Blk/CV, Flat/2, Triq it-Tarzna, Senglea, to pay the plaintiff company the sum of two thousand seven hundred sixteen Maltese liri and thirteen cents (Lm2,716.13) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interest.

The case (Notice Number 16/04DM) is put off to the 24th June 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th June 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1255

Ikun jaf kulħadd illi l-Bord li Jirregola l-Kiri tar-Raba', b' digriet mogħti fit-13 ta' Awissu 2004, ordna is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Carmelo Calleja, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', fis-17 ta' Marzu 2004, rikors numru 5/04 JC, fl-ismijiet Tamarac Limited, Vitrex Limited u Finholdings Limited vs Carmelo Calleja, mis-soċjetajiet Tamarac Limited, Vitrex Limited u Finholdings Limited, is-soċjetajiet rikorrenti esponew bir-rispett:

Illi s-soċjetajiet esponenti jikru lill-intimat Carmelo Calleja porzjoni diviża ta' art formanti parti mill-għelieqi msejħa 'Tal-Frisk' sive ' Tal-Lembuba' sive 'Tal-Barumbara', f'Santa Venera, tal-kejl superfiċjali ta' 602 metri kwadri eskluża l-parti stradali, aċċessibbli dina l-art minn estensjoni ta' Psaila Street, liema art delineata bil-kulur rosa fil-pjanta hawn unita u markata Dok. 'TVF1';

Illi huma jixtiequ jieħdu lura l-pussess ta' l-imsemmija għalqa għas-segwenti raġunijiet;

It is hereby notified that the Rural Leases Control Board, by decree given on the 13th August 2004, ordered the following publication for the purpose of service of Carmelo Calleja, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Rural Leases Control Board, on the 17th March 2004, application number 5/04 JC, in the names Tamarac Limited, Vitrex Limited and Finholdings Limited vs Carmelo Calleja, by the companies Tamarac Limited, Vitrex Limited and Finholdings Limited, the applicant companies pleaded with respect:

That the applicant companies grant on lease to the respondent Carmelo Calleja, a divided portion of land forming part of the fields known as 'Tal-Frisk' sive 'Tal-Lembuba' sive 'Tal-Barumbara' in Santa Venera, of the superficial area of 602 square metres, excluding the street, accessible this land from an extension in Psaila Street, which land is delineated in pink colour in the plan hereby attached and marked Doc 'TVF1';

That they wish to take back possession of the said land for the following reasons;

1. ir-rikorrenti jeħtieġu r-raba' li huwa bali għall-kostruzzjoni fuqu ta' bini għal skopijiet ta' negozju jew industrijali, u fil-fatt huma gia' għandhom il-permess tal-bini maħruġ mill-M.E.P.A. għal showroom b'uffiċini sovrastanti u żewġ sulari sottostanti , u kopja ta' liema permess qed jiġi hawn unit u markat Dok. 'TVF2'.

2. f'dawn l-aħħar sentejn l-għalqa tħalliet ma tinħadimx għal mill-anqas tnax-il xahar konsekuttivi skond il-kalendarju. Fil-fatt, l-ghalqa 'de quo' ilha snin mitluqa u abbandunata; u

3. f'dawn l-aħħar sentejn l-intimat naqas li jwettaq l-obbligu li jsewwi u jżomm fi stat tajjeb il-hitan tar-raba' u abitwalment naqas li jħares il-kundizzjonijiet oħra tal-kirja jew deliberatament jew bi traskuraġini kkaġuna jew ħalla li tiġi kkaġunata ħsara.

Għaldaqstant, is-soċjetajiet rikorrenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord jogħġbu jawtorizza t-terminazzjoni tal-lokazzjoni ta' porzjoni diviża ta' art formanti parti mill-għelieqi ' Tal-Frisk' sive 'Tal-Lembuba' sive 'Tal-Barumbara' f'Santa Venera, tal-kejl superfiċjali ta' 602 metri kwadri, eskluża l-parti stradali, aċċessibbili dina l-art minn estensjoni ta' Psaila Street, liema art tinsab delineata bil-kulur roża fil-pjanta hawn unita u markata Dok 'TVF1' u jawtorizza lill-esponenti jirriprendu f'terminu qasir u perentorju li jogħġbu jipprefiġġi dan il-Bord il-pussess ta' l-istess raba' għar-raġunijiet, jew xi waħda minnhom fuq imsemmija, prevja l-likwidazzjoni ta' kull kumpens li jista' jkun dovut jekk effettivament dan jirrizulta dovut.

Bl-ispejjeż.

Intimat: Carmelo Calleja, 10, Carob Street, Santa Venera.

Ir-rikors hawn fuq imsemmi numru 5/04 JC, fl-ismijiet Tamarac Limited et vs Carmelo Calleja, insab appuntat għat-13 ta' Lulju 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Bord Kiri tar-Raba') illum 9 ta' Ġunju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. the applicants require the land which is agricultural for the purpose of erecting a building for industrial or business purposes, and in fact they already have the building permit issued by M.E.P.A. for a showroom with overlying offices and two underlying floors, a copy of which permit is hereby attached and marked Doc 'TVF2'.

2. in these last two years the field was not cultivated for at least twelve consecutive months according to the calendar. In fact, the field 'de quo' has long been neglected and abandoned; and

3. during these last two years the respondent has failed to carry out his obligation to repair and keep in good state the walls of the field and habitually failed to abide by the other conditions of the lease or deliberately or carelessly caused or allowed damage to be caused.

Thus the applicant companies pray with respect that this Board authorizes the termination of the lease of a divided portion of land forming part of the lands 'Tal-Frisk' sive 'Tal-Lembuba' sive 'Tal-Barumbara' in Santa Venera, of the superficial area of 602 square metres exluding the street, accessible this land from an extension in Psaila Street, which land is delineated in the colour pink on the plan hereby attached and marked Doc 'TVF1' and authorizes the applicants to take back within a short and peremptory period which this Board shall fix the possession of the same land for the reasons or one of them above mentioned, saving the liquidation of any compensation that can be due if this effectively results to be due.

With costs.

Respondent: Carmelo Calleja, 10, Carob Street, Santa Venera.

The application above mentioned number 5/04 JC, in the names Tamarac Limited et vs Carmelo Calleja, is appointed for the 13th July 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts (Rural Leases Control Board) today 9th June 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1256

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili, ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att ta' Twelid ta' Johann Camilleri, li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4931 tas-sena 1976, fis-sens mitlub, fil-parti relattiva li tagħti tagħrif dwar it-tarbija, fis-sens fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta' l-Omm' il-kunjom 'Croseland' għandu jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem 'Crossland'.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili
Illum, 6 ta' Ġunju, 2005.

JOELLE CAMILLERI, B.COM.
Għar-Reġistratur
Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, ordered the correction of the Act of Birth of Johann Camilleri, bearing the number 4931 of the year 1976, in the sense that, in the part where it gives particulars respecting the child, precisely in the column entitled 'Name and Surname and Place of Birth of the Mother' the surname 'Croseland' be cancelled and be substituted with the surname 'Crossland'.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
This, 6th of June, 2005.

JOELLE CAMILLERI, B.COM.,
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

1257

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Mejju 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 323/05 JRM, fl-ismijiet Joseph Buhagiar vs Equal Company Limited ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Joseph Buhagiar 911744(M) 'Spring Ville' Triq Alessandro Curmi, Tal-Virtù, Rabat RBT 02, ippreżenta Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-11 ta' April 2005, kontra Equal Company Limited (C 8763) 7/2 St. John Bosco Street, Sliema, fejn talbu l-konvenuti għaliex din il-Qorti ma għandhiex tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li togħġobha tiffissa, tersaq għall-bejgħ tal-fond urban fil-pjan terren u fl-ewwel sular konsistenti fi ħanut bl-isem McDonalds li qiegħed maqsum fuq żewġ sulari mibni fuq is-sit già okkupata minn 8,9, 10 u 11 Saint George's Road, Spinola, San Ġiljan – l-istess proprjetà għandha entratura separata bin-Nru 10 u indipendenti mill-proprjetà sovraposta lill-attur versu l-prezz u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha miftehma fil-konvenju datat it-2 ta' Jannar 2003;

2. Tiffissa l-jum, ħin u lok tinnomina Nutar Pubbliku għall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv ta' bejgħ u kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw il-kontumaċi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk żewġ ittri uffiċjali datati l-1 ta' April 2005 u 21 ta' Jannar 2005 u mandat ta' inibizzjoni u bl-inġunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Ġunju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 25th May 2005, in the records of the Writ of Summons number 232/05 JRM, in the names Joseph Buhagiar vs Equal Company Limited ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(5) of Cap. 12.

Joseph Buhagiar 911744(M) 'Spring Ville' Alessandro Curmi Street, Tal-Virtù, Rabat RBT 02, filed, a Writ of Summons in the First Hall Civil Court , on the 11th April 2005, against Equal Company Limited (C 8763) 7/2 St. John Bosco Street, Sliema, whereby they asked the defendants why this Court should not decide the cause by:

1. Condemning the defendant company so that within a short and peremptory period that it shall fix they come forward to the sale of the urban premises at groundfloor level and at the first floor level consisting in a shop named McDonalds which is divided on two stories built on the site previously occupied by 8, 9, 10 and 11 Saint George's Road, Spinola, St. Julian's – the same property has a separate entrance with number 10 and independent from the property overlying the plaintiff towards the price and according to all the pacts and conditions agreed in the promise of sale dated 12th January 2003;

2. To fix a day, time and place and appoint a Notary Public for the publication of the relative act of sale and deputy curators to represent defaulters.

With costs, including those of the two judicial letters dated 1st April 2005 and 21st January 2005 and the warrant of prohibitory injunction and the defendants are summoned so that a reference to their evidence be made.

Registry of the Superior Courts, today 10th June 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1258

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Novembru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 6748/04 fl-ismijiet Middle Sea Insurance plc (C 5553) vs Joseph Fava et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Joseph Fava, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-28 ta' Ottubru 2004, lil (1) Joseph Fava, 13, Triq l-Inkurunazzjoni, Ħaż-Żabbar, u (2) Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143) Head Office, Msida Road, il-Gżira, is-soċjetà Middlesea Insurance plc (C5553) ta' Middlesea House, Floriana, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Mario Fenech għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Percius Services Limited (C 20760) filwaqt li tirreferik għall-inċident awtomobilistiku li seħħ nhar it-12 ta' Diċembru 2003, fi Triq 13 ta' Diċembru, il-Marsa, bejn il-vettura Ford Laser bin-numru tar-reġistrazzjoni DAJ973 misjuqa minnek u l-vettura Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni LCE 505 misjuqa minn Raymond Spiteri, liema inċident seħħ tort unikament tiegħek minħabba imperizja, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, qed tinterpellak sabiex fi żmien tlett ijiem tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-assigurat tagħha Mario Fenech għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Percius Services Limited (C 3737) li jammontaw għas-somma ta' sitt mija u għaxar liri Maltin u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm610.24) u li għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà assiguratriċi Middlesea Insurance plc.

Jekk inti tonqos milli tagħmel dan ser jittieħdu passi kontra tiegħek skond il-liġi mingħajr preavviż ieħor.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment imma mhux esklussivament għall-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, tal-Liġijiet ta' Malta.

Kopja ta' din l-ittra qed tiġi notifikata lis-soċjetà assikuratriċi tiegħek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi skond Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż tal-preżenti u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 10 ta' Ġunju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 24th November 2004, in the records of the judicial letter number 6748/04, in the names Middle Sea Insurance plc (C 5553) vs Joseph Fava et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Joseph Fava, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 28th October 2004, against (1) Joseph Fava 13, Coronation Street, Żabbar , and (2) Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143) Head Office, Msida Road, Gżira, the company Middlesea Insurance plc (C 5553) of Middlesea Fouse, Floriana, as subrogated in the rights of their insured Mario Fenech on behalf and in representation of the company Percius Services Limited (C 20760), whilst referring to the car accident which occurred on the 12th December 2003, in 13th December Road, Marsa, between the vehicle Ford Laser having registration number DAJ 973 driven by you and the vehicle Toyota bearing registration number LCE 505 driven by Raymond Spiteri, which accident occurred solely due to carelessness, negligence and lack of observance of the traffic regulations, and is calling on you so that within three days you come forward to the liquidation and payment of damages suffered by its insured Mario Fenech in the name and in representation of the company Percius Services Limited (C 3737), which amount to the sum of six hundred and ten Maltese liri and twenty four cents (Lm610.24) and which the insurance company Middlesea Insurance plc, disbursed.

If you fail to do this further steps according to law will be taken against you without any other prior notice.

This judicial letter is being sent for all intents and purposes of law and particulary but not exclusively for the purposes of Article 2153 of the Civil Code, Chapter 16 , of the Laws of Malta.

A copy of this letter is being notified to your insurance company for all intents and purposes of law, according to Chapter 104 of the Laws of of Malta.

With costs of the present and with legal interests from the date of service.

So much so that you may know how to regulate yourself.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 10th June 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1259

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Mejju 2005, fl-atti tar-rikors Numru 424/05 GCD, fl-ismijiet Emanuel Ellul vs Michael F. Abela ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, wara l-kawża Ċitazzjoni numru 1011/97 GV, deċiża fil-31 ta' Jannar 2000, Emanuel sive Noel Ellul vs Michael F. Abela u Carmelo Abela, ir-rikorrenti Emanuel sive Noel Ellul, espona bir-rispett;

Illi b'sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, fil-31 ta' Jannar 2000, fil-kawża fl-ismijiet Maria Carmela Polidano et vs Michael Abela et (propjament Maria Carmela mart Leonard Polidano u l-istess Leonard, Pauline mart Emanuel Farrugia f'isimha u bħala mandatarja ta' l-assenti Salvatore u Maria Rosa mart Michael Dagri u l-istess Michael Dagri, Emanuel Farrugia, Carmela mart Nazzareno Dalli u l-istess Nazzareno Dalli, Rosario Luigi Ellul - ilkoll aħwa Ellul, ulied il-mejtin Paolo u Emmanuela Ellul u b'nota ta' Paola Ellul tal-5 ta' Mejju 1999, assumiet l-atti flok Maria Carmela Polidano bħala mandatarja ta' l-assenti u b'digriet tal-5 ta' Mejju 1999, ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Emanuel, Paul, Philip, Grace u Pauline aħwa Ellul flok Luigi Ellul li miet fil-mori tal-kawża vs Michael F. Abela u Carmelo Abela) ġiet ordnata d-diviżjoni ta' l-għalqa ta' Landar Giljan sive ta' l-Ingliż fil-kuntrada ta' Karaċ limiti ta' Ħal Għaxaq, ta' kejl ta' ċirka ta' tlett itmiem u anke ġie nominat in-Nutar Joseph Darmanin biex jirċievi l-att pubbliku relattiv f'jum ħin u lok li jiġu ffissati mill-Qorti.

Illi però l-att pubbliku relattiv għadu ma sarx u issa għaddew aktar minn ħames snin mis-sentenza.

Illi l-esponent kien wieħed mill-atturi fil-kawża fuq imsemmi u issa huwa l-uniku propjetarju ta' sehem l-atturi mill-art in kwistjoni stante l-akkwist da parti tiegħu ta' l-ishma kollha relattiva (Doks. X, A, B, C, D).

Illi l-esponenti għandu interess li s-sentenza fuq imsemmija tiġi esegwita.

Illi l-esponenti huwa infurmat li n-Nutar Joseph Darmanin nominat mill-Qorti m'għadux jeżerċita l-professjoni tiegħu u dan in-Nutar anke rritorna l-inkartament relattiv għal dan l-att.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 31st May 2005, in the records of the application Number 424/05 GCD, in the names Emanuel Ellul vs Michael F. Abela, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Civil Court First Hall, following the cause Writ of Summons number 1011/97 GV, decided on the 31st January 2000, Emanuel sive Noel Ellul vs Michael F. Abela and Carmelo Abela, the applicant Emanuel sive Noel Ellul pleaded with respect;

That by means of a judgement given by this Honourable Court on the 31st January 2000, in the cause in the names Maria Carmela Polidano et vs Michael Abela et (precisely Maria Carmela wife of Leonard Polidano and the same Leonard Pauline wife of Emanuel Farrugia in her own name and as mandatary of the absent Salvatore and Maria Rosa wife of Michael Dagri and the same Michael Dagri, Emanuel Farrugia, Carmela wife of Nazzareno Dalli and the same Nazzareno Dalli, Rosario Luigi Ellul – all siblings Ellul children of the late Paolo and Emmanuela Ellul and by note of Paola Ellul of the 5th May 1999, she took over the proceedings instead of Maria Carmela Polidano, as mandatary of the absentee and by decree of the 5th May 1999, the transfer was ordered of the proceedings in the name of Emanuel, Paul, Philip, Grace and Pauline, siblings Ellul instead of Luigi Ellul who died during the proceedings of the cause vs Michael F. Abela and Carmelo Abela) the partition of the field ta' Landar Giljan sive ta' l-Ingliż in the vicinity of Karaċ, limits of Għaxaq, of the area of circa three tumoli and Notary Joseph Darmanin, was also appointed to receive the relative public deed on a day, time and place that shall be fixed by this Court.

That however the relative public deed was not carried out and now there elapsed more than five years, from the judgement.

That the applicant was one of the plaintiffs in the cause above mentioned and now he is the sole owner of the plaintiff's share from the land in question since the acquisition on his part of all the relative shares (Docs. X, A, B, C, D).

That the applicant has an interest that the judgement, above mentioned be executed.

That the applicant is informed that Notary Joseph Darmanin appointed by the Court does no longer practice his profession and this Notary also returned the documents relative to this deed.

Thus the applicant prays with respect that this Honourable

Qorti jogħġobha tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza mogħtija, fil-31 ta' Jannar 2000, fil-kawża Maria Carmela Polidano et vs Michael Abela (Ċitazz. numru 1011/97 GV), tissostitwixxi lin-Nutar Joseph Darmanin u tappunta ġurnata ħin u lok għall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv.

Esponenti: F/H ta' l-Ingliż, Triq San Filippu, Ħal Għaxaq.

Intimati: Michael Abela, 100, Triq Sant'Anna, Marsascala.

Carmelo Abela, 23, Triq Spadaro, Ħaż-Żabbar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 10 ta' Ġunju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Court orders the execution of the judgement given on the31st January 2000, in the cause Maria Carmela Polidano et vs Michael Abela (Writ of Summons number 1011/97GV), substitutes Notary Joseph Darmanin and appoints a day time and place for the publication of the relative deed.

Applicant: F/H ta' l-Ingliż, St. Philip Street, Għaxaq.

Respondents: Michael Abela, 100, Saint Anne Street, Marsascala.

Carmelo Abela, 23, Spadaro Street, Żabbar.

Registry of the Superior Courts, today, 10th June 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1260

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Mejju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fil-5 ta' April 2005, (3034/2005) fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Mary Louise Zarb ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' April 2005, lil Mary Louise Zarb, is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. interpellat lil intimata sabiex fi żmien jumejn thallas is-somma ta' ħames mija u ħamsa u għoxrin Lira Maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm525.71) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' tagħha mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April 2005, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk inti tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimata: Mary Louise Zarb (I.D. Numru 71880)
11, Bjornmic, Triq San Lawrenz, Birkirkara

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 31 ta' Mejju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 24th May 2005, in the records of the judicial letter filed on the 5th April 2005 (3034/2005), in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Mary Louise Zarb ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 15th April, against Mary Louise Zarb, the company Bank of Valletta p.l.c. called upon the respondent so that within two days he pays the sum of five hundred and twenty five Maltese liri and seventy one cents (Lm525.71) balance of debt in her Loan Account with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest from the 1st April 2005, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c.,
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondent: Mary Louise Zarb (ID Number 71880)
11, Bjornmic, St. Lawrence Street, Birkirkara.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 31St May 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1261

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Diċembru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 5357/04, fl-ismijiet Carmelo Grima vs Joseph Zammit, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-9 ta' Settembru 2004, lil Joseph Zammit ta' 'Villa Vienna', Flat 3, Triq Antonio Schembri, San Ġwann Kappara, Carmelo Grima ta' 'Chantilly', Triq il-Virdun, San Ġwann, filwaqt li ssir riferenza għal ittra uffiċjali tiegħu indirizzata lilek u ġġib id-data tas-16 ta' Awissu 2004, jinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' tnejn u għoxrin Lira Maltija (Lm22) rappreżentanti kera minnek dovuta għal propjetà 'Villa Vienna', Flat 3, Triq Antonio Schembri, San Ġwann, Kappara lilek mikrija, kif ukoll l-iskadenza għax-xahar ta' Awissu fl-ammont ta' tnejn u għoxrin Lira Maltija u li flimkien jammontaw għal erbgħa u erbgħin Lira Maltija (Lm44) u dan sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum mid-data ta' din l-ittra.

Tant sabiex taraf timxi.

Din l-ittra qegħda ssir a tenur ta' l-artikolu 9(a), (1) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 10 ta' Ġunju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 17th December 2004, in the records of the judicial letter number 5357/04, in the names Carmelo Grima vs Joseph Zammit, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 9th September 2004, against Joseph Zammit, of ' Villa Vienna', Flat 3, Antonio Schembri Street, San Ġwann, Kappara, Carmelo Grima of 'Chantilly', Virdun Street, San Ġwann, whilst referring to his judicial letter addressed to you and bearing the date of the 16th August 2004, calls upon you to pay the sum of twenty two Maltese Liri (Lm22) representing rent due by you for the property 'Villa Vienna', Flat 3, Antonio Schembri Street, San Ġwann, Kappara, granted by title of lease to you, as well as for the instalment of the month of August in the amount of twenty two Maltese Liri which together amount to forty four Maltese Liri (Lm44) and this not later than fifteen days from the date of this letter.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

This letter is being made in terms of article 9(a)(1) of Chapter 69 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today, 10th June 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1262

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Marzu, 2005 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 30 ta' Ġunju, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal- 21 ta' Lulju, 2004 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-ħanut bla numru, magħruf bħala "Compuware", fi Triq ir-Riħan, il-Fgura, li jiswa Lm28,500.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Jason Coleiro.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. David P. Pace fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-18 ta' Frar, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-8 ta' Ġunju, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 11th March, 2005 on the application of Bank of Valletta p.l.c.; Thursday 30th June, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 21st July, 2005 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Unnumbered shop known as "Compuware", in Triq ir-Riħan, Fgura valued at Lm28,500.00c0.

The said property belongs to Joson Coleiro.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by David P. Pace A&CE on the 18th February, 2005.

Registry of the Superior Courts, this 8th day of June, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1263

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' April, 2005 fuq rikors ta' Dott. Louis Cassar Pullicino nomine ġie ffissat il-jum tal- Ħamis 14 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT U L-AĦĦAR LIBERAZZJONI li kien ġie ordnat b'digriet tad-29 ta' Jannar, 2003, li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-propjetà hawn taħt deskritta.

Il-flat internament markat bin-numru 14, formanti parti minn blokk ta' appartamenti esternament market bin-numru 25 u magħruf bħala "Stanbridge Court", f'High Street, Tas-Sliema kif ukoll inkluż il-car space numru 14 sitwat fil-basement ta' l-istess blokk ta' appartamenti stmati li jiswew flimkien Lm90,000.00c0.

L-imsemmija propjetajiet jappartjenu lil Imnarja Ventures Limited.

N.B. Wara li rat il-liberazzjoni tat- 30 ta' Novembru, 2004 għaf-favur ta' Johann Parnis, l-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Rene' Buttigieg fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-13 ta' Ġunju, 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-8 ta' Ġunju, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 19th April, 2005 on the application of Dr Louis Cassar Pullicino nomine, Thursday 14th July, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the FINAL SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 29th January, 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Flat internally marked 14, forming part of a block of apartments externally marked 25 and known as "Stanbridge Court", in High Street, Sliema including car space marked 14 situated at basement level of the same block of apartments together valued at Lm90,000.00c0.

The said property belongs to Imnarja Ventures Limited.

N.B. Having seen adjudication dated 30th November, 2004 in favour of Johann Parnis, the said property will be sold as described in the report sworn to by Rene Buttigieg A&CE on the 13th July, 2003.

Registry of the Superior Courts, this 8th day of June, 2005

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1264

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' April, 2005 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 7 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas- 27 ta' Diċembru, 2004 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-flat internament market bin-numru 3, formanti parti minn blokk ta' appartamenti magħruf bħala "Mazzola Flats", fi Triq il-Mazzola, Buġibba, kif soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta' Lm8.00c0 għaż-żmien rimanenti minn 150 sena li bdew jiddekorru mis-27 ta' Ottubru, 1979, u liema ċens għandu jiġi rivedut kull 25 sena, stmat li jiswa Lm19,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil John u Carmela konjugi Debono.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. David Pace fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-18 ta' April, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-8 ta' Ġunju, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 19th April, 2005 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Thursday 7th July, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 27th December, 2004 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Flat internally marked 3, forming part of a block of flats known as "Mazzola Flats", in Triq il-Mazzola, Buġibba, as being subject to the annual and temporary ground-rent of Lm8.00c0 for the remaining period from 150 years commencing on the 27th day of October, 1979, which ground-rent is revisable every 25 years, valued at Lm19,000.00c0.

The said property belongs to John and Carmela spouses Debono.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by David Pace A&CE on the 18th April, 2005.

Registry of the Superior Courts, this 8th day of June, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1265

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' April 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali (805/2005) fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Maria Victoria Abela ordnat, is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Frar 2005, lil Maria Victoria Abela, is-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. interpellat lil intimata sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' disa' mija u tnejn u sittin lira Maltija u erba' ċenteżmi (Lm962.04) bilanċ għad-debitu fil-' Credit Card Loan Account' tagħha mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2004, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk inti tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c.
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimata: Maria Victoria Abela (ID numru 403671M)
Welcome Flats, Nru. 2, Moroni Street, Gżira.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 9 ta' Ġunju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 18th April 2005, in the records of the judicial letter (805/2005) in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Maria Victoria Abela, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 4th February 2005, against Maria Victoria Abela, the company Bank of Valletta p.l.c. called upon the respondent so that within two days she pays the sum of nine hundred and sixty two Maltese liri and four cents (Lm962.04) balance of debt in her 'Credit Card Loan Account' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest from the 1st October 2004, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c.,
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondent: Maria Victoria Abela (ID Number 403671M)
Welcome Flats, No.2, Moroni Street, Gżira.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 9th June 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1266

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April, 2005 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 7 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat- 8 ta' Marzu, 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond magħruf bħala "Salvina", fi Triq San Ġorġ, Raħal Ġdid, stmat li jiswa Lm12,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Mark Borg.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Paul Micallef fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-25 ta' April, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-8 ta' Ġunju, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 28th April, 2005 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Thursday 7th July, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 8th March, 2005 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Tenement known as "Salvina", Saint George's Road, Paola valued at Lm12,000.00c0.

The said property belongs to Mark Borg.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Paul Micallef A&CE on the 25th April, 2005.

Registry of the Superior Courts, this 8th day of June, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*